SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla)

17 ta' Jannar 2013 *

"Protezzjoni tal-konsumaturi — Prattiki kummerċjali żleali tal-impriżi fil-konfront tal-konsumaturi fis-suq intern — Leġiżlazzjoni ta' Stat Membru li tipprovdi għal awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jiġu mħabbra sejls"

Fil-Kawża C-206/11,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Oberster Gerichtshof (l-Awstrija), permezz ta' deċiżjoni tat-12 ta' April 2011, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fit-2 ta' Mejju 2011, fil-proċedura

Georg Köck

vs

Schutzverband gegen unlauteren Wettbewerb,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (L-Ewwel Awla),

komposta minn A. Tizzano, President tal-Awla, M.M. Ilešič, E. Levits, J.-J. Kasel u M. Safjan, (Relatur), Imħallfin,

Avukat Ġenerali: V. Trstenjak,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tal-21 ta' Ġunju 2012,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

— għal M. Köck, minn E. Kroker, avukat,

— għal Schutzverband gegen unlauteren Wettbewerb, minn M. Prunbauer, avukat,

— għall-Gvern Awstrijak, minn A. Posch u G. Kunnert, bħala aġenti,

— għall-Gvern Belġjan, minn T. Materne u J.-C. Halleux, bħala aġenti,

— għall-Kummissjoni Ewropea, minn M. Owsiany-Hornung u S. Grünheid, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tas-6 ta' Settembru 2012,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikoli 3(1) u 5(5) tad-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) (ĠU L 149, p. 22, iktar 'il quddiem id-"Direttiva").

2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża bejn G. Köck u s-Schutzverband gegen unlauteren Wettbewerb (Unjoni ta' Protezzjoni kontra l-Kompetizzjoni Żleali) fir-rigward tat-tħabbir, min-naħa tar-rikorrent fil-kawża prinċipali, ta' "likwidazzjoni totali" tal-prodotti tiegħu kif ukoll ta' sales relatati magħhom, li twettaq mingħajr l-awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel neċessarja.

Il-kuntest ġuridiku

Id-dritt tal-Unjoni

3 Il-premessi 8 u 17 tad-Direttiva jipprovdu:

"(8) Din id-Direttiva tipproteġi direttament l-interessi leġittimi tal-konsumatur minn prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur. B'hekk tħares ukoll b'mod indirett negozji leġittimi mill-kompetituri tagħhom li ma jimxux mar-regoli ta' din id-Direttiva u tiggarantixxi kompetizzjoni ġusta fl-oqsma kordinati minnha. [...]

[...]

(17) Hu kunsiljabbli li dawk il-prattiċi kummerċjali li huma f'kull ċirkustanza żleali għandhom jiġu identifikati sabiex tiġi provduta ċertezza legali akbar. L-Anness I għalhekk fih lista sħiħa ta' dawn il-prattiċi kollha. Dawn huma biss il-prattiċi kummerċjali li jistgħu jiġu meqjusa żleali, mingħajr l-eżami ta' kull każ għalih fid-dawl tad-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 5 sa 9. Il-lista tista' tiġi modifikata biss b'reviżjoni tad-Direttiva."

4 L-Artikolu 1 tad-Direttiva jipprovdi:

"L-għan ta' din id-Direttiva huwa li tikkontribwixxi għall-funzjonament tajjeb tas-suq intern u li tikseb livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur billi tapprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi."

5 L-Artikolu 2 tad-Direttiva jipprovdi:

"Għall-finijiet ta' din id-Direttiva:

[...]

d) 'prattiċi kummerċjali fin-negozju mal-konsumatur' (minn hawn 'il quddiem imsejħa 'prattiċi kummerċjali') tfisser kwalunkwe att, ommissjoni, imġieba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inluża reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi;

e) ‘il-ħolqien ta’ distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika ta’ konsumaturi’ tfisser l-użu ta’ prattika kummerċjali sabiex tiġi mfixkla b’mod apprezzabbli l-kapaċità tal-konsumatur li jagħmel deċiżjoni infurmata, jew imġiegħel jieħu deċiżjoni transazzjonali li ma kienx jieħu f’ċirkostanzi oħra;

[...]

k) ‘deċiżjoni transazzjonali’ tfisser kwalunkwe deċiżjoni meħuda minn konsumatur dwar jekk, kif u taħt liema kondizzjonijiet jixtri, iħallas il-prezz sħiħ jew parti mill-prezz ta’ prodott, iżomm jew jiddisponi minn prodott jew jeżerċita xi dritt kontrattwali fir-rigward tal-prodott, kemm jekk il-konsumatur jiddeċiedi li jieħu jew ma jiħux xi azzjoni;

[...]”

6 L-Artikolu 3 tad-Direttiva jipprovdi:

“1. Din id-Direttiva għandha tapplika għal prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur, kif stabbilit fl-Artikolu 5, qabel, matul jew wara tranżazzjoni kummerċjali fir-rigward ta’ xi prodott.

2. Din id-Direttiva hija mingħajr preġudizzju għal-liġi kontrattwali u, b’mod partikolari, għar-regoli dwar il-validità, it-tfassil u l-effetti ta’ kuntratt.

[...]”

7 L-Artikolu 5 tad-Direttiva jipprovdi:

“1. Il-prattiċi kummerċjali żleali għandhom ikunu projbiti.

2. Prattika kummerċjali tkun żleali jekk:

a) hija kuntrarja għar-rekwiżiti tad-diliġenza professjonali,

u

b) toħloq distorsjoni sostanzjali jew tista’ toħloq distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika, fir-rigward tal-prodott, tal-konsumatur medju li tilħaq jew li lilu tkun indirizzata, jew tal-membru medju tal-grupp meta xi prattika kummerċjali tkun diretta lejn grupp partikolari ta’ konsumaturi.

3. Prattiċi kummerċjali li x’aktarx joħolqu distorsjoni sostanzjali fl-imġieba ekonomika biss ta’ grupp identifikabbli b’mod ċar ta’ konsumaturi li huma partikolarment vulnerabbli għall-prattika jew għall-prodott li għalih din tirriferi minħabba l-mard mentali jew fiżiku, l-età jew il-kredulità tagħhom b’mod li l-kummerċjant jista’ raġonevolment ikun mistenni li jipprevedi, għandhom jiġu eżaminati mill-perspettiva ta’ membru medju ta’ dak il-grupp. Dan huwa mingħajr preġudizzju għall-prattika komuni u leġittima ta’ reklamar ta’ stqarrijiet eżaġerati jew stqarrijiet li mhumiex intiżi sabiex jittieħdu litteralment.

4. B’mod partikolari, ikunu żleali dawk il-prattiċi kummerċjali li

a) jqarrqu kif stabbilit fl-Artikoli 6 u 7,

jew

b) jkunu aggressivi kif stabbilit fl-Artikoli 8 u 9.

5. Fl-Anness I hemm lista ta' dawk il-prattiċi kummerċjali li għandhom f'kull ċirkostanza jitqiesu bħala żleali. L-istess lista waħdanija għandha tapplika fl-Istati Membri kollha u tista tiġi modifikata biss permezz ta' revizjoni tad-Direttiva."

8 L-Artikolu 11 tad-Direttiva jipprovdi:

"1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jeżistu mezzi adegwati u effettivi li jikkumbattu l-prattiċi kummerċjali żleali sabiex tiġi nfurzata l-osservanza tad-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva fl-interess tal-konsumaturi.

Dawn il-mezzi għandhom jinkludu dispożizzjonijiet legali li taħthom persuni jew organizzazzjonijiet li f'għajnejn il-liġi nazzjonali għandhom interess leġittimu li jiġġieldu l-prattiċi kummerċjali żleali, inklużi l-kompetituri, jistgħu:

a) jistitwixxu azzjoni legali kontra tali prattiċi kummerċjali żleali;

u/jew

b) iġibu każijiet ta' tali prattiċi kummerċjali żleali quddiem awtorità amministrattiva li għandha l-kompetenza jew li tiddeċiedi dwar ilmenti jew li tagħti bidu għall-proċedimenti legali adegwati.

Għandu jkun għal kull Stat Membru li jiddeċiedi liema minn dawn il-mezzi għandu jkun disponibbli u li jiddeċiedi jekk il-qrati jew l-awtoritajiet amministattivi jistgħux jesiġu li jkun preċedentement sar rikors għal mezzi stabbiliti oħra tat-trattament ta' ilmenti […]. Dawn il-faċilitajiet għandhom ikunu disponibbli indipendentement jekk il-konsumaturi milquta jinsabux fit-territorju ta' l-Istat Membru fejn jinsab il-kummerċjant jew fi Stat Membru ieħor.

[...]

2. Taħt id-dispożizzjonijiet legali msemmija fil-paragrafu 1, l-Istati Membri għandhom jagħtu lill-qrati jew lill-awtoritajiet amministrattivi s-setgħat li, fil-każijiet fejn jikkunsidraw li tali miżuri huma meħtieġa wara li jittieħed kont ta' l-interessi kollha involuti u b'mod partikolari ta' l-interess pubbliku:

a) jordnaw il-waqfien, jew jistitwixxu proċedimenti legali adegwati għall-għoti ta' ordni ta' waqfien, ta' prattiċi kummerċjali żleali,

jew

b) jekk il-prattika kummerċjali żleali għadha ma seħħetx iżda hija imminenti, jordnaw il-projbizzjoni tal-prattika, jew jistitwixxu proċedimenti legali adegwati għall-għoti ta' ordni ta' projbizzjoni tal-prattika

anki mingħajr prova ta' telf jew ħsara attwali jew ta' intenzjoni jew negligenza min-naħa tal-kummerċjant.

L-Istati Membri għandhom ukoll jipprovdu sabiex il-miżuri msemmija fl-ewwel subparagrafu jiġu meħuda taħt proċedura aċċelerata:

— jew b'effett provviżorju,

— jew b'effett definittiv,

iżda għandu jkun għal kull Stat Membru li jiddeċiedi liema miż-żewġ possibbiltajiet jagħżel.

Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu jagħtu lill-qrati u lill-awtoritajiet amministrattivi s-setgħat li, bil-ħsieb li jeliminaw l-effetti kontinwi ta' prattiċi kummerċjali żleali li t-terminazzjoni tagħhom ġiet ordnata permezz ta' deċiżjoni definittiva:

a) jesiġu l-pubblikazzjoni sħiħa jew parzjali ta' dik id-deċiżjoni u fil-forma li huma jikkunsidraw adegwata,

b) li jitolbu barra minn dan il-pubblikazzjoni ta' dikjarazzjoni rettifikattiva.

3. L-awtoritajiet amministrattivi msemmija fil-paragrafu 1 għandhom:

a) ikunu komposti b'mod li ma jqanqlu l-ebda dubju dwar l-imparzjalità tagħhom;

b) ikollhom setgħat adegwati, fejn huma jiddeċiedu dwar ilmenti, sabiex jissorveljaw u jinfurzaw l-osservanza tad-deċiżjonijiet tagħhom effettivament;

ċ) normalment jagħtu raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħhom.

Meta s-setgħat imsemmija fil-paragrafu 2 jiġu eżerċitati esklussivament minn awtorità amministrattiva, għandhom dejjem jiġu mogħtija r-raġunijiet għad-deċiżjonijiet tagħha. Barra minn hekk, f'dan il-każ, għandhom jiġu previsti proċeduri li permezz tagħhom l-eżerċizzju skorrett jew inġustifikat mill-awtorità amministrattiva tas-setgħat tagħha jew in-nuqqas skorrett jew inġustifikat ta' l-eżerċizzju ta' l-imsemmija setgħat jistgħu jkunu suġġetti għal reviżjoni ġudizzjarja."

9 L-Artikolu 13 tad-Direttiva jipprovdi:

"L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-penali għall-ksur tad-dispożizzjonijiet nazzjonali adottati fl-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji sabiex jiżguraw li dawn jiġu nfurzati. Dawn il-penali għandhom ikunu effettivi, proporzjonati u dissważivi."

10 L-Anness I tad-Direttiva jelenka l-prattiki kummerċjali li huma kkunsidrati żleali f'kull ċirkustanza billi jagħmel riferiment, b'mod partikolari, għall-prattiki segwenti:

"[...]

4) Fejn il-kummerċjant isostni li huwa (inklużi l-prattiċi kummerċjali tiegħu) jew xi prodott ġie approvat, appoġġat jew awtorizzat minn korp pubbliku jew privat ieħor meta huwa/dan ma kienx jew isostni hekk mingħajr ma jikkonforma ruħu mat-termini ta' l-approvazzjoni, appoġġ jew awtorizzazzjoni.

[...]

7) Fejn il-kummerċjant jiddikjara b'mod falz li prodott sejjer ikun disponibbli biss għal żmien limitat ħafna, jew li sejjer ikun disponibbli biss taħt kondizzjonijiet partikolari għal żmien limitat ħafna sabiex iqanqal deċiżjoni immedjata u jċaħħad lill-konsumaturi mill-opportunità jew miż-żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu għażla informata.

[...]

15) Fejn il-kummerċjant isostni li dalwaqt sejjer jieqaf mill-kummerċ jew ibiddel il-post tal-kummerċ meta ma jkunx sejjer jagħmel dan.

[...]"

Id-dritt Awstrijak

11 Skont l-Artikolu 33a tal-Liġi kontra l-kompetizzjoni żleali (Gesetz gegen den unlauteren Wettbewerb), fil-verżjoni tagħha applikabbli għall-kawża prinċipali (iktar 'il quddiem il-"UWG"):

"(1) Kull tħabbir pubbliku jew kull kommunikazzjoni indirizzati lil numru kbir ta' persuni li jwasslu li wieħed jemmen li teżisti l-intenzjoni ta' bejgħ bl-imnut u b'mod aċċelerat ta' kwantità kbira ta' prodotti, għandhom jitqiesu bħala tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni fis-sens tal-liġi Federali preżenti meta dawn ikunu ta' natura li jwasslu lil wieħed jemmen li jeżistu ċirkustanzi eċċezzjonali li jġagħlu lill-professjonist li jbigħ malajr u li huwa għal din ir-raġuni li dan jipproponi l-prodotti tiegħu taħt kundizzjonijiet jew bi prezzijiet partikolarment vantaġġużi. […]

(2) Madankollu, ma jidħlux taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikoli 33a sa 33e l-avviżi u l-komunikazzjonijiet dwar sejls tal-aħħar tal-istaġun, sejls ta' tbattil ta' stokks staġjonali, sejls ta' likwidazzjoni minħabba waqfien ta' negozju u simili, kif ukoll dwar bejgħ speċjali tas-soltu għal sezzjoni ta' negozju jew għal perijodu tas-sena (bħalma huma l-'ġimgħa ta' ferjat' jew il-'ġimgħa tal-ilbies').

(3) Il-punt 7 tal-Anness ma huwiex affettwat minn dan kollu."

12 Il-punt 7 tal-Anness ta' din il-Liġi jirriproduċi, mingħajr ebda tibdil, il-punt 7 tal-Anness I tad-Direttiva.

13 L-Artikolu 33b tal-UWG jipprovdi:

"L-avviż ta' sejl ta' likwidazzjoni huwa legali biss jekk tinkiseb awtorizzazzjoni mill-amministrazzjoni tad-distrett tal-post tal-bejgħ. L-applikazzjoni għal din l-awtorizzazzjoni għandha tiġi ppreżentata bil-miktub u għandha tinkludi l-informazzjoni segwenti:

1. il-kwantità, in-natura u l-prezz tal-bejgħ tal-prodotti li għandhom jinbigħu;

2. il-post preċiż tas-sejl ta' likwidazzjoni;

3. il-perijodu li matulu l-bejgħ ikun previst;

4. ir-raġunijiet li minħabba fihom is-sejl ta' likwidazzjoni jrid isir, bħalma huma l-mewt tal-professjonist, il-waqfien ta' negozju jew it-tneħħija ta' ċertu tip ta' prodotti, it-trasferiment tan-negozju, inċident, eċċ.;

[...]".

14 L-Artikolu 33c tal-UWG jipprovdi:

"(1) Qabel ma tieħu deċiżjoni dwar l-applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni, l-amministrazzjoni tad-distrett għandha tistieden lill-kamra tal-kummerċ tal-Land tal-post tal-bejgħ tagħmel rapport fi żmien ġimagħtejn.

(2) L-amministrazzjoni tad-distrett trid tiddeċiedi dwar l-applikazzjoni fi żmien xhar minn meta din tiġi rċevuta.

(3) L-awtorizzazzjoni għandha tiġi miċħuda fin-nuqqas ta' raġunijiet, fis-sens tal-Artikolu 33b, punt 4, jew meta ma jkunx previst li l-bejgħ ser ikun imġabbar għal perijodu kontinwu. Barra minn hekk, l-awtorizzazzjoni għandha tiġi rrifjutata meta l-bejgħ isir matul il-perijodu mill-bidu tal-ġimgha ta' qabel l-aħħar ġimgħa ta' qabel l-Għid sal-Pentekoste, mill-15 ta' Novembru sal-Milied jew idum għal

iktar minn sitt xhur sakemm ma jkunx hemm il-mewt tal-professjonist, inċidenti jew każijiet oħra li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni. Jekk l-impriża ma tkunx ilha teżisti għal iktar minn tliet snin sħaħ, l-awtorizzazzjoni għandha tingħata biss fil-każ tal-mewt tal-professjonist, fil-każ ta' inċident jew f'każijiet rilevanti oħra.

[...]"

15 L-Artikolu 33d tal-UWG jipprovdi:

"(1) Kull avviż ta' sejl ta' likwidazzjoni għandu jsemmi r-raġunijiet ta' bejgħ ta' malajr, il-perijodu li matulu l-bejgħ għandu jsir, kif ukoll indikazzjoni ġenerali tal-prodotti mpoġġija għall-bejgħ. Din l-informazzjoni trid tikkorrispondi għal dik tal-awtorizzjazzjoni amministrattiva.

(2) Ma għandu jsir l-ebda avviż ta' sejl ta' likwidazzjoni wara li jiskadi l-perijodu tal-bejgħ indikat fl-awtorizzazzjoni amministrattiva.

(3) Matul il-perijodu ta' bejgħ imsemmi fl-awtorizzazzjoni amministrattiva, il-bejgħ tal-prodotti msemmija fl-avviż jista' jsir biss fil-limiti tal-kwantijiet previsti mill-awtorizzazzjoni. Kwalunkwe mili mill-ġdid tal-istokk ta' prodotti ta' dawn il-kategoriji huwa pprojbit.

[...]"

16 Skont l-Artikolu 34(3) tal-UWG:

"Kull persuna li tikser d-dispożizzjonijiet tas-sezzjoni preżenti għandha tkun suġġetta, bla ħsara għall-possibbiltà ta' proċeduri kriminali, għal azzjoni għal waqfien u għad-danni. Din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata biss permezz ta' proċeduri ġudizzjarji ordinarji [...]"

Il-kawża prinċipali u d-domanda preliminari

17 G. Köck, negozjant stabbilit f'Innsbruck (l-Awstrija), f'gazzetta ħabbar "likwidazzjoni totali" tal-prodotti tal-ħanut tiegħu u rriklamahom ukoll quddiem l-imsemmi ħanut permezz ta' pannelli u ta' stikers. Minbarra l-kliem "likwidazzjoni totali" huwa uża wkoll espressjonijiet bħal "Kollox irid jitlaq" u "sejls sa 90 %". G. Köck ma kienx applika għal awtorizzazzjoni mill-amministrazzjoni tad-distrett (Bezirksverwaltungsbehörde) biex iħabbar l-imsemmi sejl ta' likwidazzjoni.

18 Peress li qieset li r-reklam ta' G. Köck kien jikkostitwixxi "tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni" fis-sens tal-leġiżlazzjoni nazzjonali u li kien jikser id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33a *et seq* tal-UWG, peress li ma kienx is-suġġett ta' awtorizzazjoni amministrattiva minn qabel, is-Schutzverband gegen unlauteren Wettbewerb ressqet azzjoni għal waqfien u għal pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja quddiem il-Landesgericht Innsbruck.

19 Peress li din l-azzjoni ġiet miċħuda, is-Schutzverband gegen unlauteren Wettbewerb appellat minn din id-deċiżjoni quddiem l-Oberlandesgericht Innsbruck. Din il-qorti tal-aħħar ħarġet digriet għal miżuri provviżorji fejn laqgħet it-talba tal-appellanti.

20 G. Köck appella ("Revisionsrekurs") minn dan id-digriet tal-Oberlandesgericht Innsbruck quddiem il-qorti tar-rinviju.

21 Minn naħa, kif jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju, il-proċedura ġudizzjarja fil-kawża prinċipali tirrigwarda biss il-kwistjoni ta' jekk G. Köck għandux awtorizzazzjoni xierqa maħruġa minn awtorità amministrattiva. Fil-kuntest ta' din il-proċedura, l-istħarriġ tan-natura żleali ta' prattika kummerċjali huwa ttrasferit mill-qrati lill-awtoritajiet amministrattivi, madankollu bla ħsara għall-fatt li l-imsemmija prattika tista' tkun żleali "f'kull ċirkostanza" fid-dawl tal-Artikolu 5(5) tad-Direttiva.

22 Min-naħa l-oħra, il-qorti tar-rinviju ma teskludix li, skont id-Direttiva, projbizzjoni ġudizzjarja ta' prattika kummerċjali tista' tiġi kkunsidrata ammissibbli biss fil-każ fejn id-deċiżjoni ta' awtorità amministrattiva f'dan ir-rigward tkun hija nnifisha tosserva r-rekwiżiti tal-imsemmija direttiva.

23 Peress li qieset li s-soluzzjoni tal-kawża prinċipali kienet tiddependi fuq l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva, l-Oberster Gerichtshof iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari segwenti:

"L-Artikoli 3(1) u 5(5) tad-Direttiva [...] jew dispożizzjonijiet oħra [tagħha], jipprekludu leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li t-tħabbir ta' bejgħ ta' likwidazzjoni mingħajr l-awtorizzazzjoni mill-amministrazzjoni kompetenti huwa illegali u għalhekk għandu jiġi pprojbit fil-kuntest ta' proċeduri legali, mingħajr ma jkun neċessarju li l-qorti li quddiemha jitressqu l-proċeduri tivverifika jekk tali prassi kummerċjali hijiex qarrieqa, aggressiva jew inkella żleali."

Fuq id-domanda preliminari

24 Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi jekk id-Direttiva għandhiex tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi lil qorti nazzjonali milli tordna l-waqfien ta' prattika kummerċjali biss minħabba l-fatt li din tal-aħħar ma kinitx is-suġġett ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-amministrazzjoni kompetenti, mingħajr madankollu ma tevalwa hija stess in-natura qarrieqa tal-imsemmija prattika.

25 Sabiex tingħata risposta għal din id-domanda, għandu l-ewwel nett jiġi ddeterminat jekk prattika kummerċjali, bħat-tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni msemmi fl-Artikolu 33a(1) tal-UWG, tikkostitwixxix "prattika kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva u hija, għalhekk, suġġetta għad-dispożizzjonijiet previsti f'din tal-aħħar.

26 F'dan ir-rigward, hemm lok li jiġi rrilevat li l-Artikolu 2(d) tad-Direttiva jiddefinixxi, billi juża formulazzjoni partikolarment wiesgħa, il-kunċett ta' "prattika kummerċjali" bħala "kwalunkwe att, ommissjoni, imġiba jew rappreżentazzjoni, komunikazzjoni kummerċjali inklużi reklamar u kummerċjalizzazzjoni, minn kummerċjant, konnessi direttament mal-promozzjoni jew bejgħ jew fornitura ta' xi prodott lil konsumaturi" (sentenza tad-9 ta' Novembru 2010, Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag, C-540/08, Ġabra p. I-10909, punt 17).

27 Issa, reklamar, bħal dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li jikkonċerna l-bejgħ ta' merkanzija lill-konsumaturi b'kundizzjonijiet u bi prezzijiet vantaġġużi, jifforma evidentement parti mill-istrateġija kummerċjali ta' operatur u huwa direttament intiż għall-promozzjoni u l-bejgħ ta' din il-merkanzija. Minn dan isegwi li dan jikkostitwixxi "prattiċi kummerċjali" fis-sens tal-Artikolu 2(d) tad-Direttiva u jaqa', konsegwentement, taħt il-kamp ta' applikazzjoni *ratione materiae* tagħha.

28 Ladarba dan huwa stabbilit, għandu jiġi eżaminat jekk id-dispożizzjonijiet nazzjonali, bħal Artikoli 33b u 34(3) tal-UWG, jistgħux jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva minħabba l-għanijiet imfittxija minnhom.

29 F'dan ir-rigward għandu jiġi osservat li, kif diġà ġie deċiż mill-Qorti tal-Ġustizzja, skont il-premessa 8 tad-Direttiva, din id-direttiva "tipproteġi direttament l-interessi leġittimi tal-konsumatur minn prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur" u tiżgura, kif jipprovdi b'mod partikolari l-Artikolu 1

tad-Direttiva, "livell għoli ta' ħarsien tal-konsumatur billi tapprossima l-liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi ta' l-Istati Membri dwar prattiċi kummerċjali żleali li jagħmlu ħsara lill-interessi ekonomiċi tal-konsumaturi" (digriet tal-4 ta' Ottubru 2012, Pelckmans Turnhout, C-559/11, punt 19 u l-ġurisprudenza ċċitata).

30 Kif jirriżulta mill-premessa 6 tad-Direttiva, huma esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tagħha biss dawk il-liġijiet nazzjonali dwar il-prattiki kummerċjali żleali li jippreġudikaw "[biss]" l-interessi ekonomiċi ta' kompetituri jew li jikkonċernaw tranżazzjoni bejn professjonisti (sentenza Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag, iċċitata iktar 'il fuq, punt 21).

31 Fil-kawża prinċipali, kif osservat il-qorti tar-rinviju, it-"tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni" fis-sens tal-Artikolu 33a(1) tal-UWG, dispożizzjoni applikata fil-kuntest tal-kawża prinċipali, jikkostitwixxi "prattika kummerċjali" fis-sens tad-Direttiva. L-imsemmija qorti għalhekk impliċitament tammetti, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 38 tal-konklużjonijiet tagħha, li din id-dispożizzjoni hija intiża għall-protezzjoni tal-konsumaturi u mhux biss għall-protezzjoni tal-kompetituri u ta' atturi oħra fis-suq.

32 Barra minn hekk, l-Artikolu 33b tal-UWG jipprovdi li t-tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni huwa legali biss jekk dan ikun is-suġġett ta' awtorizzazzjoni amministrattiva minn qabel. Dan jelenka wkoll l-elementi li għandhom jiġu prodotti flimkien mal-applikazzjoni ta' awtorizzazzjoni. L-Artikolu 34(3) ta' din il-liġi jipprovdi, min-naħa tiegħu, li kull nuqqas ta' osservanza tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 33a sa 33d tal-UWG jista' jagħti lok għal azzjoni għal waqfien u, fil-każ ta' tort, għal azzjoni għad-danni.

33 F'dawn iċ-ċirkustanzi, għandu jiġi kkonstatat li d-dispożizzjonijiet nazzjonali, bħall-Artikoli 33b u 34(3) tal-UWG, b'rabta mal-Artikolu 33a(1) tal-UWG, li jipprojbixxu, taħt piena ta' sanzjoni, prattika kummerċjali li ma ġietx awtorizzata, jikkostitwixxu miżuri li huma intiżi li jiġġieldu l-prattiki kummerċjali żleali fl-interess tal-konsumaturi u, għaldaqstant, jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva.

34 Ladarba dan huwa stabbilit, hemm lok li jiġi vverifikat jekk id-Direttiva tipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

35 Skont ġurisprudenza stabbilita, l-uniċi prattiki kummerċjali li jistgħu jiġu kkunsidrati, abbażi tal-leġiżlazzjoni nazzjonali, bħala żleali mingħajr ma jkunu suġġetti għal evalwazzjoni każ b'każ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva huma dawk imsemmija fl-Anness I tad-Direttiva. Konsegwentement, prattika li ma hijiex koperta minn dan l-Anness tista' tiġi ddikjarata żleali biss wara eżami tan-natura żleali tagħha skont il-kriterji stabbiliti fl-imsemmija Artikoli 5 sa 9 (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi, tal-14 ta' Jannar 2010, Plus Warenhandelsgesellschaft, C-304/08, Ġabra p. I-217, punti 41 sa 45, kif ukoll Mediaprint Zeitungs- und Zeitschriftenverlag, iċċitata iktar 'il fuq, punti 30 sa 34).

36 Issa, prattika kummerċjali li tikkonsisti fit-tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni, kif previst fl-Artikolu 33a(1) tal-UWG, implementata minn professjonist li ma għandux awtorizzazzjoni minn qabel tal-awtorità kompetenti li tippermettilu jagħmel dan, ma tistax titqies, bħala tali, li taqa' taħt il-prattiki elenkati fl-Anness I tad-Direttiva.

37 Fost il-prattiki meqjusa żleali f'kull ċirkustanza, elenkati f'dan l-Anness, għandhom jiġu kkunsidrati l-ewwel dawk li, fiċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, jistgħu potenzjalment ikunu rilevanti u li għalihom għamlu riferiment il-partijiet fil-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

38 Fil-punt 4 tal-imsemmi Anness tissemma l-prattika "[f]ejn il-kummerċjant isostni li huwa (inkluži l-prattiċi kummerċjali tiegħu) jew xi prodott ġie approvat, appoġġat jew awtorizzat minn korp pubbliku jew privat ieħor meta huwa/dan ma kienx jew isostni hekk mingħajr ma jikkonforma ruħu mat-termini ta' l-approvazzjoni, appoġġ jew awtorizzazzjoni".

39 L-imsemmi punt ma jipprovdix projbizzjoni ġenerali tal-prattiki kummerċjali li ma kinux is-suġġett ta' awtorizzazjoni mogħtija minn korp kompetenti. Bil-kontra ta' dan, dan il-punt jirrigwarda l-każijiet speċifiċi fejn, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punt 93 tal-konklużjonijiet tagħha, il-leġiżlazzjoni applikabbli tistabbilixxi ċerti rekwiżiti b'mod partikolari fir-rigward tal-kwalità ta' professjonist jew tal-prodotti tiegħu u tipprovdi, f'dan ir-rigward, sistema ta' approvazzjoni, appoġġ jew awtorizzazzjoni.

40 Bl-istess mod, it-tħabbir ta' sejl ta' likwidazzjoni magħmul mingħajr ma wieħed ma jkollu l-awtorizzazzjoni xierqa minn qabel lanqas ma jista' jitqies li jaqa' taħt il-punt 7 tal-Anness I tad-Direttiva u jiġi kkunsidrat bħala dikjarazzjoni falza li tagħti lill-konsumaturi x'jifhmu li l-prodott ikkonċernat "sejjer ikun disponibbli biss għal żmien limitat ħafna, jew li sejjer ikun disponibbli biss taħt kondizzjonijiet partikolari għal żmien limitat ħafna sabiex iqanqal deċiżjoni immedjata u jċaħħad lill-konsumaturi mill-opportunità jew miż-żmien suffiċjenti sabiex jagħmlu għażla informata".

41 Lanqas il-punt 15 tal-istess Anness ma huwa applikabbli għall-kwistjoni fil-kawża prinċipali. Dan il-punt jikkonċerna prattika "[f]ejn il-kummerċjant isostni li dalwaqt sejjer jieqaf mill-kummerċ jew ibiddel il-post tal-kummerċ meta ma jkunx sejjer jagħmel dan". Madankollu, fil-kawża prinċipali, ma hemmx inkwistjoni prattika bħal dik imsemmija fl-imsemmi punt 15 iżda prattika kummerċjali implementata mingħajr awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-amministrazzjoni kompetenti.

42 Minn dak li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li l-avviż ta' sejl ta' likwidazzjoni, imsemmi fl-Artikolu 33a(1) tal-UWG, implementat minn professjonist li ma għandux awtorizzazzjoni minn qabel sabiex jagħmel dan, sa fejn dan ma huwiex kopert mid-dispożizzjonijiet tal-imsemmi Anness, ma jistax jitqies, bħala tali, żleali f'kull ċirkustanza.

43 F'dawn iċ-ċirkustanzi għandu jiġi evalwat jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali msemmija fil-punt 33 ta' din is-sentenza tmurx kontra s-sistema stabbilita mid-Direttiva.

44 Din tal-aħħar tħalli lill-Istati Membri, kif osservat l-Avukat Ġenerali fil-punti 44 sa 55 tal-konklużjonijiet tagħha, marġni ta' diskrezzjoni fir-rigward tal-għażla tal-miżuri nazzjonali intiżi sabiex jiġġieldu, skont l-Artikoli 11 sa 13 tad-Direttiva, kontra l-prattiki kummerċjali żleali, b'mod partikolari bil-kundizzjoni li dawn ikunu xierqa u effiċjenti u li s-sanzjonijiet li huma jipprovdu jkunu effettivi, proporzjonali u disważivi.

45 Peress li kontroll bil-quddiem jew preventiv min-naħa tal-Istat Membru jista' jkun, f'ċerti ċirkustanzi, iktar xieraq minn kontroll li jsir wara li jordna l-waqfien ta' prattika kummerċjali diġà implementata jew li ser tiġi implementata dalwaqt, dawn il-miżuri nazzjonali jistgħu jikkonsistu, fost l-oħrajn, fl-istabbiliment ta' sistema ta' awtorizzazzjoni minn qabel, taħt piena ta' sanzjonijiet, ta' ċerti prattiki li n-natura tagħhom teżiġi, sabiex jiġu miġġielda l-prattiki kummerċjali żleali, tali kontroll.

46 Madankollu, ir-riżultat tas-sistema prevista mill-imsemmija miżuri nazzjonali, peress li jikkostitwixxu t-traspożizzjoni tad-Direttiva, ma jistax ikun il-projbizzjoni ta' prattika kummerċjali biss għar-raġuni li l-imsemmija prattika ma kinitx is-suġġett ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-amministrazzjoni kompetenti, mingħajr ma din ma tiġi suġġetta għal evalwazzjoni tan-natura żleali tagħha.

47 Minn naħa, id-Direttiva tipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li teskludi l-kontroll, fid-dawl tal-kriterji msemmija fl-Artikoli 5 sa 9 ta' din id-Direttiva, ta' prattika kummerċjali mhux imsemmija fl-Anness I tal-imsemmija direttiva.

48 Min-naħa l-oħra, is-sistema stabbilita mid-Direttiva ma tistax tiġi rikonċiljata ma leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprovdi li l-imsemmija prattika kummerċjali tiġi suġġetta għall-eżami tan-natura żleali tagħha biss wara l-projbizzjoni prevista għan-nuqqas ta' osservanza tal-obbligu li tinkiseb awtorizzazzjoni minn qabel, peress li b'hekk din il-prattika titlef, minħabba n-natura tagħha u b'mod partikolari minħabba l-fattur ta' żmien inerenti għaliha, kull sens ekonomiku għall-professjonist.

49 Issa, leġiżlazzjoni nazzjonali bħal dik imsemmija fil-punt preċedenti twassal sabiex tiġi stabbilita projbizzjoni ġenerali tal-prattiki kummerċjali implementati fil-kuntest ta' sistema partikolari, filwaqt li n-natura eventwalment żleali tagħhom tkun għadha lanqas biss ma ġiet evalwata, skont il-ġurisprudenza msemmija fil-punt 35 ta' din is-sentenza, abbażi tal-kriterji previsti fl-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva.

50 Minn dak kollu li ntqal iktar 'il fuq jirriżulta li d-Direttiva għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi lil qorti nazzjonali milli tordna l-waqfien ta' prattika kummerċjali mhux koperta mill-Anness I tad-Direttiva biss minħabba l-fatt li l-imsemmija prattika ma kinitx is-suġġett ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-amministrazzjoni kompetenti, mingħajr madankollu ma tevalwa hija stess in-natura żleali tal-prattika kkonċernata fid-dawl tal-kriterji previsti fl-Artikoli 5 sa 9 tad-Direttiva.

Fuq l-ispejjeż

51 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Id-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-11 ta' Mejju 2005, dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali) għandha tiġi interpretata fis-sens li tipprekludi lil qorti nazzjonali milli tordna l-waqfien ta' prattika kummerċjali mhux koperta mill-Anness I ta' din id-direttiva biss minħabba l-fatt li l-imsemmija prattika ma kinitx is-suġġett ta' awtorizzazzjoni minn qabel min-naħa tal-amministrazzjoni kompetenti, mingħajr madankollu ma tevalwa hija stess in-natura żleali tal-prattika kkonċernata fid-dawl tal-kriterji previsti fl-Artikoli 5 sa 9 tal-imsemmija direttiva.

Firem